

Brussell, 17 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7161/25

COH 19

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Politika ta' Koeżjoni aktar dinamika u strateġika: inwettqu l-bidla fil-perspettiva attwali u li jmiss - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni tat-28 ta' Marzu li ġej, abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-anness ma' din in-nota, il-Ministri inkarigati mill-Politika ta' Koeżjoni huma mistiedna jiddiskutu s-suġġett "Politika ta' Koeżjoni aktar dinamika u strateġika: inwettqu l-bidla fil-perspettiva attwali u li jmiss".

Dokument ta' informazzjoni

għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikat għall-Politika ta' Koeżjoni

"Politika ta' Koeżjoni aktar dinamika u strateġika: inwettqu l-bidla fil-perspettiva attwali u li jmiss"

Għal dawn l-aħħar ftit xhur, id-dibattitu dwar il-forma futura possibbli tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u l-Politika ta' Koeżjoni fi ħdanu sar dejjem aktar intens. Id-diskussjoni ssawret mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, istituzzjonijiet oħra tal-UE, kif ukoll organizzazzjonijiet akkademiċi u mhux governattivi¹. Il-konklużjonijiet ewlenin mid-dibattiti s'issa juru li l-approċċ ta' "inkomplu bħas-soltu" mhux waħda mill-għażliet fil-QFP li jmiss. Madankollu, fejn jirrigwarda soluzzjonijiet aktar dettaljati, hemm firxa varjata ta' approċċi possibbli, u dan joħloq il-ħtieġa li jiġu diskussi soluzzjonijiet prattiċi u li jinbena kunsens madwarhom.

¹ Fost oħrajn: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika ta' Koeżjoni, Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri Responsabbli mill-Politika ta' Koeżjoni ffirmata minn 11-il Stat Membru (BG, CZ, EE, HR, HU, LT, LV, RO, SK, SI, PL) adottata f'Mejju 2024 fi Praga; Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni; id-disa' Rapport ta' Koeżjoni b'Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Ġunju 2024; Rapport ta' E. Letta: Much more than a market; Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet sett ta' objettivi u prijoritajiet ewlenin tal-UE għas-snin li ġejjin². **Dawn jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni kuraġġuża biex jiġu żgurati l-prosperità sostenibbli, il-kompetittività, id-demokrazija, is-sigurtà, id-difiża u r-reżiljenza filwaqt li jiġu protetti l-valuri tal-UE. Il-kompetittività** ġiet indikata bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-UE, b'enfasi li din **ser tkun fuq quddiem u fiċ-ċentru tal-mandat tal-Kummissjoni Ewropea**. Parti mis-sisien tal-kompetittività tal-Ewropa huma n-nies tagħha u għalhekk il-ħtieġa għall-**promozzjoni tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità** hija ta' importanza kruċjali. Barra minn hekk, fil-kuntest tas-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tevolvi, **id-difiża Ewropea** wkoll żiedet fl-importanza, kif ġie kkonfermat reċentement mill-Kunsill Ewropew³. Il-Kummissjoni indikat azzjonijiet possibbli biex tissimplifika u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, tippromwovi l-ħeffa u l-flessibbiltà tal-implimentazzjoni tal-politika u tikkoordina l-politiki aħjar fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Il-qafas regolatorju tal-UE għandu jiġi rivedut u adattat biex jissodisfa aħjar il-ħtiġijiet taċ-ċittadini u n-negozji, kif ukoll biex jimplementa l-fondi tal-UE fil-ħin u b'mod effettiv.

² Il-Kummissjoni Ewropea, 2025, *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Boxxla għall-Kompetittività tal-UE*, COM(2025) 30 final; *Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 - Nimxu 'l quddiem flimkien: Unjoni aktar kuraġġuża, sempliċi u rapida*, COM(2025) 45 final; *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni*, COM(2025) 47 final; Ittra mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen, 4 ta' Marzu 2025 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_25_684, *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: L-Unjoni tal-Ħiliet*, COM(2025) 90 final.

³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar id-difiża Ewropea, 6 ta' Marzu 2025.

Il-Komunikazzjoni dwar il-perkors lejn il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, ippubblikata fi Frar 2025⁴, tindika li l-baġit futur tal-UE għandu jindirizza bħala prijorità l-isfidi komuni fejn l-infiq fil-livell Ewropew jipprovdi l-oġhla valur miżjud. Il-Komunikazzjoni tenfasizza ċar ħafna li t-"**twettiq tal-prijoritajiet tal-UE jrid isir flimkien – mal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom** li jsawru ħafna mill-investimenti tal-UE fil-prattika, u bil-baġit tal-UE li jappoġġa u jinċentiva l-azzjoni tagħhom". Implimentazzjoni aktar b'saħħitha ta' approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni hija enfasizzata bħala soluzzjoni biex jizjed l-effiċjenza u l-ħeffa tal-implimentazzjoni.

Fl-istess dokument, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi wkoll approċċ ġdid għal baġit modernizzat tal-UE, li għandu jippreżenta fil-qalba tiegħu, fost oħrajn, "**pjan għal kull pajjiż b'riformi u investimenti kruċjali, u li jiffoka fuq il-prijoritajiet konġunti tagħna, inkluż il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali**". Il-Kummissjoni indikat li "*trid titfassal u tiġi implimentata politika msaħħa ta' koeżjoni u tkabbir, li jkollha r-reġjuni fil-qalba tagħha, fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali*", imma kif dan jista' jsir fil-prattika jeħtieġ aktar spjegazzjoni.

Skont il-Kummissjoni, l-idea ta' pjan bħal dan tista' tipprovdi opportunitajiet biex tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-politiki tal-UE u dawk nazzjonali, tiżgura sinerġija bejniethom u trawwem bidla strutturali (fl-Istati Membri u r-reġjuni), dment li tkun marbuta ma' unifikazzjoni u simplifikazzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni. Madankollu, hemm nuqqas ta' ċarezza dwar l-inklużjoni proposta ta' riformi u investimenti fil-pjanijiet tal-pajjiżi, speċjalment fil-kuntest tat-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tar-riformi skont il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-isfidi fid-definizzjoni ta' rwol adegwat għar-reġjuni f'dan il-mudell. Barra minn hekk, l-impatt possibbli ta' dan l-approċċ il-ġdid fuq id-disparitajiet reġjonali f'pajjiż u r-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali wkoll mhumiex ċari u jistgħu jqajmu tħassib dwar l-infurzar tal-istess soluzzjoni għal kulħadd. Għalhekk, hemm bżonn li l-Istati Membri jirriflettu u jiddiskutu dwar kif il-Politika ta' Koeżjoni għandha tiġi implimentata fil-perspettiva finanzjarja ta' wara l-2027, speċjalment wara li jitqiesu l-proposti tal-Kummissjoni fejn jidħlu l-prijoritajiet tal-UE, il-metodu tat-twettiq, u l-pożizzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni f'dawn il-proposti.

⁴ *Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, COM(2025) 46 final.*

Minħabba l-intensifikazzjoni tar-riflessjoni dwar kif l-azzjonijiet u l-politiki jistgħu jiġu allinjati mal-prijoritajiet il-ġodda tal-UE proposti mill-Kummissjoni, **jidher xieraq li l-Politika ta' Koeżjoni tiġi modernizzata wkoll anke fil-QFP attwali, matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni.** L-adattament tal-Politika ta' Koeżjoni attwali għall-isfidi konġunti jkun jeħtieġ l-isforz tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell tal-UE u fil-livelli nazzjonali u reġjonali sabiex jorjentaw mill-ġdid u jaċċelleraw l-implimentazzjoni u t-twassil tar-riżultati fl-ambitu tal-Politika ta' Koeżjoni.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni indikat li **r-rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni** jista' jipprovdi opportunità tajba biex il-Politika ta' Koeżjoni tiġi allinjata mal-ħtiġijiet emerġenti u l-prijoritajiet tal-UE, speċjalment bil-ħsieb li tingħata spinta lill-kompetittività, ir-reżiljenza, it-tisħiħ tas-sigurtà u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-UE. Fl-istess ħin, qed tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jsir progress f'inizjattivi importanti tal-UE, bħall-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli jew it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża fl-UE⁵. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej tal-Politika ta' Koeżjoni jista' jintuża wkoll bħala opportunità biex issir riflessjoni dwar mezzi, possibbiltajiet u inċentivi addizzjonali għal skopijiet ta' difiża⁶, inkluż mhux biss l-infrastruttura b'użu doppju imma wkoll dik bi skopijiet għalkollox militari. Għalhekk, **hemm bżonn issir riflessjoni dwar kif għandu jifittex l-oġettiv tal-koeżjoni waqt li jiġu indirizzati sfidi ċentrali bħat-tisħiħ tal-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sigurtà u d-difiża fil-livell tal-UE fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fuq perspettiva qasira kif ukoll fit-tul.**

⁵ Fost oħrajn: Diskors mill-Viċi President Eżekuttiv Raffaele Fitto fil-Konferenza: It-Triq Ewropea tat-Tkabbir: Politika ta' Tkabbir għal Ewropa Sigura, Reżiljenti u Globalment Kompetittiva, diskors mill-Viċi President Eżekuttiv Raffaele Fitto dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni fil-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Parlament Ewropew - REGI, Kummissjoni Ewropea, 2025; Ittra mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen, 4 ta' Marzu 2025 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_25_684

⁶ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar id-difiża Ewropea, 6 ta' Marzu 2025.

Id-diskussjoni matul il-laqgħa formali tal-Ministri responsabbli għall-Politika ta' Koeżjoni għandha l-għan li tesplora l-modi possibbli biex tissaħħaħ il-Politika ta' Koeżjoni. M'hemm ebda dubju li l-Politika ta' Koeżjoni futura għandha tevolvi u tkun allinjata aktar mill-qrib mal-prijoritajiet konġunti tal-UE. Fl-istess ħin, madankollu, l-objettiv ewlieni tagħha, jiġifieri l-kisba ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, għandu jinżamm u jissaħħaħ aktar.

Biex torjenta d-dibattitu fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-format tal-koeżjoni, il-presidenza Pollakka tistieden lill-Ministri biex jaqsmu l-fehmiethom dwar il-mistoqsijiet ta' hawn taħt. Dawn il-mistoqsijiet ser jiġu ttrattati f'sessjoni waħda ta' diskussjoni madwar mejda. L-interventi ma għandhomx idumu aktar minn 4 minuti.

1. Kif għandhom jintlaħqu l-objettivi tal-Politika ta' Koeżjoni msemmin fit-trattat u tiġi promossa l-governanza f'diversi livelli fl-arkitettura l-ġdida tal-politiki tal-UE wara l-2027? Kif għandha tiġi pprogrammata fil-pjan propost għal kull pajjiż, inkluż riformi u investimenti fil-livell nazzjonali u subnazzjonali?
2. B'kont meħud tal-approċċ tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, kif għandha tiġi adattata l-politika ta' koeżjoni fil-perspettiva finanzjarja attwali biex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet emerġenti?